



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10557/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0205(NLE)

ECOFIN 653
UEM 180
FIN 698

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Ġunju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 314 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1355 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Rumanija biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 314 final.

Mehmuż: COM(2022) 314 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.6.2022
COM(2022) 314 final

2022/0205 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1355 li tagħti appoġġ
temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Rumanija biex jittaffew ir-riskji ta'
qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 ("ir-Regolament SURE") jistabbilixxi l-qafas legali biex tingħata assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Istati Membri li jkunu qed jesperjenzaw tfixkil ekonomiku gravi bħala kawża tat-tifqigħa tal-COVID-19, jew li jkunu mhedda serjament minn tali tfixkil. L-appoġġ skont SURE jservi għall-finanzjament, primarjament, ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew miżuri simili mmirati biex jipproteġu lill-impjegati u lil dawk li jaħdmu għal rashom u b'hekk jitnaqqsu l-inċidenza tal-qgħad u t-telf tal-introjtu, kif ukoll għall-finanzjament, bħala anċillari, ta' xi miżuri relatati mas-saħħa, b'mod partikolari fuq il-post tax-xogħol.

Fis-7 ta' Awwissu 2020, ir-Rumanija talbet assistenza finanzjarja mingħand l-Unjoni u fil-25 ta' Settembru 2020, bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1355 tiegħu, il-Kunsill ta' assistenza finanzjarja lir-Rumanija bl-għan li jikkomplementa l-isforzi nazzjonali tagħha biex tindirizza l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u tirreaġixxi għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi tat-tifqigħa għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom.

Fis-26 ta' Mejju 2022, ir-Rumanija talbet lill-Unjoni biex testendi l-lista ta' miżuri fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1355.

F'konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament SURE, il-Kummissjoni kkonsultat lill-awtoritajiet Rumani biex tivverifika ż-żieda għal għarrieda u qawwija fin-nefqa effettiva u ppjanata relatata direttament ma' miżuri tas-suq tax-xogħol tar-Rumanija u miżuri relatati mas-saħħa, kawża tal-pandemija tal-COVID-19. B'mod partikolari, dawn il-miżuri jirrigwardaw kombinament ta' miżuri ġodda u miżuri eżistenti msemmija fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1355:

- (a) l-iskema eżistenti li tipprovdi benefiċċju lill-impjegati ta' impjegaturi li jnaqqsu jew li jinterrompu temporanjament l-attività tagħhom minħabba l-effetti tat-tifqigħa tal-COVID-19. Il-benefiċċju huwa limitat għal 75 % tas-salarju bażiku ta' dawk l-impjegati (iżda mhux aktar minn 75 % tas-salarju gross medju fl-ekonomija). Din il-miżura ġiet estiża għad-durata tal-istat ta' emerġenza sa Marzu 2022.
- (b) l-iskema eżistenti ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, li taħthom, fil-każ ta' tnaqqis temporanju ta' attività kkawżat mill-istat ta' emerġenza jew allert, l-impjegatur ikollu l-possibbiltà li jnaqqas is-siġhat tax-xogħol tal-impjegati sa massimu ta' 50 %. Matul il-perjodu ta' tnaqqis fil-ħinijiet tax-xogħol, l-impjegati affettwati jibbenefikaw minn indennizz ta' 75 % tad-differenza bejn is-salarju gross għall-ħin tax-xogħol normali u s-salarju attwali tagħhom. Din il-miżura ġiet estiża sa Ġunju 2022, tliet xhur wara tmiem l-istat ta' emerġenza.
- (c) Għal dawk li jaħdmu għal rashom u l-professjonijiet liberi, iż-żewġ miżuri eżistenti ġew estiżi. Għal dawk li waqfu jaħdmu kompletament minħabba l-effetti tat-tifqigħa tal-COVID-19, l-Istat jipprovdi benefiċċju ta' 75 % tas-salarju gross medju għad-durata tal-istat ta' emerġenza sa Marzu 2022. Għal dawk li jnaqqsu s-siġhat tax-xogħol tagħhom, l-Istat jipprovdi benefiċċju sa massimu ta' 41,5 % tas-salarju gross medju sa Ġunju 2022, tliet xhur wara tmiem l-istat ta' emerġenza.
- (d) il-benefiċċju ta' appoġġ eżistenti għal dawk li jaħdmu bil-ġurnata li jieqfu jaħdmu b'riżultat tas-sospensjoni tal-attivitàjiet ta' negozju minħabba l-effetti tat-tifqigħa tal-

COVID-19 ta' 35 % tar-rimunerazzjoni dovuta għal kull jum ta' xogħol, għal perjodu massimu ta' tliet xhur. Din il-miżura ġiet estiża sa Ġunju 2022, tliet xhur wara tmiem l-istat ta' emerġenza.

- (e) il-bonus għat-tħaris tat-tfal eżistenti mogħti lill-impjegati tas-sistema nazzjonali tad-difiża, tal-istabbilimenti ta' detenzjoni, tal-unitajiet tas-saħħa pubblika u ta' kategoriji oħra stabbiliti permezz ta' ordnijiet ministerjali. Il-benefiċċju huwa bil-kundizzjoni li l-ġenitur l-ieħor ma jibbenefikax minn drittijiet alternattivi li jagħtu liv lill-ġenituri għas-superviżjoni tat-tfal fil-każ tal-għeluq temporanju tal-unitajiet edukattivi. Dik il-miżura tista' titqies bħala miżura simili għall-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2020/672, billi din tipprovdi appoġġ għall-introjtu lill-impjegati, li se jgħin biex ikopri l-kostijiet tat-tħaris tat-tfal matul l-għeluq tal-iskejjel u għaldaqstant jgħin lill-ġenituri jkomplu jaħdmu, u jipprevjeni li titpoġġa f'riskju r-relazzjoni tax-xogħol. Din il-miżura ġiet estiża sa tmiem is-sena skolastika 2021-2022 u twessgħet biex jiġu inklużi impjegati tas-settur privat.
- (f) il-miżura l-għdida li tikkonsisti f'benefiċċju tal-liv minħabba mard mogħti lil persuni fi kwarantina u persuni dijanjostikati b'infezzjoni bil-COVID-19. Il-liv u l-indennizz għal kwarantina jingħataw lill-persuni assigurati li ma jitħallewx ikomplu bl-attività tagħhom, minħabba suspett ta' marda tittieħed, għad-durata stabbilita biċ-ċertifikat maħruġ mid-direttorat tas-saħħa pubblika.
- (g) il-miżura l-għdida li tikkonsisti f'appoġġ finanzjarju ta' darba ta' RON 2 500 lill-impjegaturi għal kull ħaddiem bit-telexogħol għax-xiri ta' pakketti ta' oġġetti u servizzi teknoloġiċi meħtieġa għal attivitajiet ta' telexogħol. Il-miżura tapplika għall-impjegaturi li l-impjegati tagħhom ikunu haħmu bit-telexogħol matul l-istat ta' emerġenza għal mill-inqas 15-il jum ta' xogħol fl-2020. Dik il-miżura tista' titqies li tkun miżura simili għall-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2020/672, minħabba l-għan maħsub u l-effett ekonomiku tagħha. Bil-faċilitazzjoni tat-telexogħol fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, din tgħin biex tiġi preservata r-relazzjoni ta' impjeg. Ttipprovdi wkoll appoġġ għall-introjtu lill-impjegati, fil-forma ta' benefiċċju supplimentari, li jgħin biex jiġu koperti l-kostijiet tan-nefqa tal-uffiċċju fid-dar biex tkun permessa l-prestazzjoni tax-xogħol matul il-lockdown u restrizzjonijiet sussegwenti.
- (h) il-bonus eżistenti fir-rigward ta' xogħol addizzjonali għall-persunal tal-istrutturi speċjalizzati tal-Istitut Nazzjonali għas-Saħħa Pubblika u d-direttorati tas-saħħa pubblika tal-kontej u/jew id-direttorat tas-saħħa pubblika ta' Bucharest ġie estiż fl-2020, fl-2021 u fl-2022. Din il-miżura tibqa' fis-seħħ sakemm id-WHO jikkwalifika l-COVID-19 bħala pandemija globali.
- (i) il-bonus eżistenti fir-rigward ta' kundizzjonijiet partikolarment perikolużi sa massimu ta' 30 % tas-salarju ta' persunal mediku li jipparteċipa fl-azzjonijiet mediċi kontra l-COVID-19. Il-miżura kienet fis-seħħ għall-perjodu minn Marzu 2020 sa Awwissu 2020. Il-miżura twessgħet biex tinkludi l-persunal responsabbli għall-infurzar ta' miżuri sanitarji taħt il-Ministeru għall-Affarijiet Interni.
- (j) il-miżura l-għdida li tikkonsisti f'bonus bejn 30 % u 40 % tas-salarju bażiku mogħti lill-persunal tad-direttorati tas-saħħa pubblika tal-kontej u tad-direttorat tas-saħħa pubblika ta' Bucharest.
- (k) il-miżura l-għdida li tikkonsisti f'benefiċċju ta' sekondar li jammonta għal 50 % u bonus *per diem* ta' 2 % tas-salarju bażiku għal speċjalisti mediċi, persunal

paramediku u awżiljari fis-sistema pubblika. Il-benefiċċju jingħata lill-persunal sekondar, f'sitwazzjonijiet ta' riskju epidemjoloġiku jew bijoloġiku għal terminu ta' 30 jum, lill-unitajiet tas-saħħa bi tnaqqis ta' persunal u li huma responsabbli għal-limitar u l-prevenzjoni tal-firxa tal-COVID-19.

- (l) il-miżura l-ġdida li tikkonsisti fil-finanzjament temporanju tal-kostijiet tas-salarji relatati mal-ftuħ ta' 2 000 pożizzjoni ġdida biex jissaħħu d-direttorati tas-saħħa u s-servizzi pubbliċi tal-ambulanzi (1 000 f'kull wieħed), bħala reazzjoni għall-firxa tal-COVID-19.
- (m) il-miżura l-ġdida li tikkonsisti fl-għoti ta' bonus bejn 75 % u 85 % tas-salarju bażiku għall-persunal mediku speċjalizzat u persunal mediku awżiljari mill-unitajiet tas-saħħa pubblika jew l-istrutturi tagħhom u għall-persunal speċjalizzat mill-istrutturi mediċi parakliniċi direttament involuti fit-trasport, fit-tagħmir, fil-valutazzjoni, fid-dijanjożtika u fit-trattament tal-pazjenti dijanjożtikati bil-COVID-19.
- (n) il-miżura l-ġdida li tikkonsisti f'pagament tal-persunal mediku sanitarju u tar-reġistraturi li jwettqu l-attività tagħhom fiċ-ċentri tal-vaċċinazzjoni tal-COVID-19 organizzati f'postijiet oħrajn għajr daww fl-unitajiet tas-saħħa. Il-miżura ffinanzjata ukoll nefqiet kurrenti u kapitali biex iċ-ċentri tal-vaċċinazzjoni (organizzati f'postijiet għajr faċilitajiet tas-saħħa) isiru operazzjonali.
- (o) il-miżura l-ġdida li tikkonsisti f'pagament tal-persunal mediku sanitarju u tar-reġistraturi mediċi li jwettqu l-attività tagħhom fiċ-ċentri tal-vaċċinazzjoni tal-COVID-19 f'unitajiet tas-saħħa, kif ukoll il-pagament tat-tobba tal-familja għall-attivitàjiet ipprovduti għal dan l-għan.
- (p) il-miżura l-ġdida li tikkonsisti fil-finanzjament tax-xiri tad-dożi tal-vaċċin kontra l-COVID-19 fl-2021.
- (q) il-miżura l-ġdida li tikkonsisti f'benefiċċji ġenerali (bħal ikel, akkomodazzjoni, trasport, mediċini) għall-kwarantana ta' nies f'żoni ddeżinjati b'dijanjożi kkonfermata ta' COVID-19, nies fil-lista stabbilita mill-Metodoloġija tas-Sorveljanza għall-COVID-19 u l-persunal mediku bħala dijanjożtikati bil-COVID-19 li ma jeħtiġux li jittieħdu l-isptar jew persunal li interaġixxa mal-pazjenti u li għażel li joqgħod 'il bogħod minn daru.
- (r) żewġ miżuri ġodda li jikkonsistu fix-xiri ta' medikazzjoni għat-trattament tal-COVID-19 (Remdesivir u mediċina tal-antikorpi monoklonali li fiha l-Casirivimab u l-Indevimab).
- (s) il-miżura l-ġdida li tikkonsisti fix-xiri ta' medikamenti għat-trattament tal-pazjenti infettati bil-COVID-19 (Tocilizumabum).
- (t) il-miżura l-ġdida li tikkonsisti fil-provvediment ta' inċentivi (fil-forma ta' vawċers għall-ikel fl-ammont ta' RON 100) lil persuni vaċċinati bl-iskema kompleta.
- (u) il-miżura l-ġdida li tikkonsisti f'żieda temporanja ta' 30 % tas-salarju bażiku għall-persunal tal-istituzzjonijiet tal-prefett involuti fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-effetti tal-COVID-19 għall-perjodu minn Awwissu 2020 sa Frar 2021.
- (v) il-miżura l-ġdida li tikkonsisti fin-nefqiet biex jiġu koperti 200 tabib residenti addizzjonali meħtieġa b'reazzjoni għall-pandemija.
- (w) il-miżura l-ġdida li tikkonsisti fix-xiri ta' prodotti mediċi u tagħmir protettiv personali għall-ġlieda kontra l-pandemija (eż. xedd is-saqajn protettiv, ingwanti,

maskri, ventilaturi, streċers, eċċ.) biex jiġu stabbiliti u kkonsolidati stokkijiet mediċi ta' emerġenza.

- (x) il-miżura l-ġdida li tikkonsisti fix-xiri ta' materjali ta' protezzjoni sanitarja għall-impjegati tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni.
- (y) il-miżura l-ġdida li tikkonsisti fil-pagamenti għall-istudenti tal-mediċina volontarji li ħadmu għall-isptarijiet/istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa biex jipprovdu appoġġ ta' emerġenza.
- (z) żewġ miżuri ġodda li jikkonsistu fix-xiri ta' prodotti farmaċewtiċi li għandhom jintużaw għat-trattament ta' pazjenti tal-COVID-19 b'sintomi akuti (ANAKINRA, MOLNUPIRAVIR).
- (aa) il-miżura l-ġdida li tikkonsisti fil-finanzjament tal-kostijiet relatati mal-ittestjar għall-COVID-19. Is-servizzi tal-ittestjar RT-PCR fil-laboratorju ffinanzjati taħt il-Programm Nazzjonali għas-Sorveljanza u l-Kontroll tal-Mard Komunikabbli ta' Priorità jitwettqu fuq kategoriji ta' individwi stabbiliti mill-Metodoloġija ta' Sorveljanza għas-Sindromu Respiratorju Akut tal-COVID-19 jew b'ordni tal-Ministru għas-Saħħa.
- (bb) il-miżura l-ġdida li tikkonsisti fil-finanzjament tal-ittestjar għall-COVID-19 mit-tobba tal-familja għad-detezzjoni tal-infezzjoni bil-COVID-19. Ix-xogħol ta' ttestjar li jwettqu t-tobba tal-familja huwa ffinanzjat minn trasferimenti mill-baġit tal-Istat, permezz tal-baġit tal-Ministeru għas-Saħħa għall-baġit tal-Fond tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa nazzjonali.

Ir-Rumanija pprovdiet l-informazzjoni rilevanti lill-Kummissjoni.

Fid-dawl tal-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni tipproponi lill-Kunsill li jadotta Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni li testendi l-lista ta' miżuri li l-Kunsill diġà ta assistenza finanzjarja għalihom fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1355.

Il-miżura l-ġdida dwar il-liv minħabba mard mogħti lil persuni fi kwarantina u persuni dijanjostikati bl-infezzjoni tal-COVID-19 titqies simili għall-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, minħabba l-effetti tagħha, f'termini tal-protezzjoni tal-kuntratt tal-impjieg, l-għoti ta' appoġġ għall-introjt, u fir-rigward tal-pandemija tal-COVID-19.

Il-miżuri relatati mas-saħħa, kif mitlub mir-Rumanija, inklużi l-miżuri addizzjonali relatati mas-saħħa mitlubin fis-26 ta' Mejju 2022, jammontaw għal EUR 2 141 579 582. Minħabba l-ħtieġa li tiġi żgurata n-natura anċillari ta' din il-kategorija ta' miżuri, l-ammont tal-assistenza finanzjarja b'appoġġ għall-miżuri relatati mas-saħħa jrid jitnaqqas billi jenħtieġ li dan jirrappreżenta inqas minn nofs l-assistenza finanzjarja totali ppjanata li għandha tintefaq fuq il-miżuri kollha eliġibbli.

Barra minn hekk, wara t-talba tar-Rumanija, l-assistenza finanzjarja mogħtija bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1355 titnaqqas minn EUR 4 099 244 587 għal EUR 3 000 000 000. Ir-Rumanija għadha impenjata li tassorbi kompletament l-assistenza finanzjarja mogħtija u jenħtieġ li tidentifika aktar miżuri eliġibbli f'każ li l-miżuri eżistenti inklużi f'din il-proposta ma jkunux suffiċjenti.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta hija kompletament konsistenti mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672, li l-proposta qed issir bis-saħħa tiegħu.

Din il-proposta qed issir apparti strument ieħor tad-dritt tal-Unjoni li jipprovdi appoġġ lill-Istati Membri f'każ ta' emerġenzi, jiġifieri r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) ("ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002"). Ir-Regolament (UE) 2020/461 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jemenda dak l-istrument biex jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu biex ikopri emerġenzi tas-saħħa pubblika maġġuri u biex jiddefinixxi operazzjonijiet speċifiċi eliġibbli għall-finanzjament, ġie adottat fit-30 ta' Marzu 2020.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija parti minn firxa ta' miżuri żviluppati b'reazzjoni għall-pandemija attwali tal-COVID-19 bħall-"Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus", u tikkomplementa strumenti oħrajn li jappoġġaw l-impjiegi bħall-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS)/InvestEU. Bl-użu ta' għoti u teħid b'self f'dan il-każ partikolari tat-tifqigħa tal-COVID-19 għall-appoġġ tal-Istati Membri, din il-proposta taġixxi bħala t-tieni linja ta' difiża biex jiġu ffinanzjati skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili, biex jiġu protetti l-impjiegi u b'hekk l-impjegati u l-persuni li jaħdmu għal rashom kontra r-riskju tal-qgħad.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal dan l-istrument hija r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta ssegwi talba tal-Istati Membri u turi solidarjetà Ewropea billi tipprovdi assistenza finanzjarja tal-Unjoni fil-forma ta' self temporanju lil Stat Membru affettwat mit-tifqigħa tal-COVID-19. Bħala t-tieni linja ta' difiża, tali assistenza finanzjarja tappoġġa ż-żieda fin-nefqa pubblika tal-gvern fuq bażi temporanja fir-rigward tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili biex tghinjom jipproteġu l-impjiegi u b'hekk lill-impjegati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom kontra r-riskju ta' qgħad u telf ta' introjtu.

Tali appoġġ se jgħin lill-popolazzjoni affettwata u jgħin biex itaffi l-impatt dirett fuq is-soċjetà u fuq l-ekonomija kkawżat mill-kriżi attwali tal-COVID-19.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tosserva l-prinċipju tal-proporzjonalità. Din ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet tal-istrument.

3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minħabba l-urġenza biex titħejja l-proposta u biex tkun tista' tiġi adottata fil-ħin mill-Kunsill, ma setgħetx titwettaq konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba n-natura urġenti tal-proposta, ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tikkuntratta self fis-swieq finanzjarji bl-għan li tisilfu lill-Istat Membru li jkun qed jitlob assistenza finanzjarja taħt l-istrument SURE.

Minbarra l-provvediment tal-garanziji tal-Istat Membru, hemm salvagwardji oħra fil-qafas sabiex tiġi żgurata s-solidità finanzjarja tal-iskema:

- Approċċ rigoruż u konservattiv għall-ġestjoni finanzjarja;
- Kostruzzjoni tal-portafoll ta' self li jillimita r-riskju ta' konċentrazzjoni, skopertura annwali u skopertura eċċessiva għal Stati Membri individwali, filwaqt li jiġi żgurat li jistgħu jingħataw riżorsi suffiċjenti lill-Istati Membri li huma l-aktar fil-bżonn; u
- Possibbiltajiet ta' riportament tad-dejn.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1355 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Rumanija biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara talba mingħand ir-Rumanija fis-7 ta' Awwissu 2020, il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1355², ta assistenza finanzjarja lir-Rumanija fil-forma ta' self li jammonta għal massimu ta' EUR 4 099 244 587 b'maturità medja massima ta' 15-il sena, bil-ħsieb li tikkomplementa l-isforzi nazzjonali tar-Rumanija biex tindirizza l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u tirreaġixxi għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi ta' dik it-tifqigħa għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom.
- (2) Is-self kellu jintuża mir-Rumanija biex tiffinanzja l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, miżuri simili u miżuri relatati mas-saħħa, kif imsemmi fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1355.
- (3) It-tifqigħa tal-COVID-19 ipparalizzat parti sostanzjali mill-forza tax-xogħol fir-Rumanija. Dan wassal għal żieda għal għarrieda u qawwija fin-nefqa pubblika fir-Rumanija fir-rigward ta' miżuri ġodda, jiġifieri dawk imsemmija fil-premessi (11), (12) u minn (16) sa (34), u miżuri msemmija fl-Artikolu 3 (a), (c), (d), (e), (f), (g), (h), u (i) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1355.
- (4) It-tifqigħa tal-COVID-19 u l-miżuri straordinarji implimentati mir-Rumanija fl-2020, fl-2021 u fl-2022 biex titrażżan dik it-tifqigħa u l-impatt soċjoekonomiku u l-impatt marbut mas-saħħa tagħha kellhom u għadu qed ikollhom impatt drammatiku fuq il-finanzi pubbliċi. Fl-2020, ir-Rumanija kellu defiċit u dejn tal-gvern estiż ta' 9,3 % u 47,2 % tal-prodott domestiku gross (PDG), rispettivament, li nbidlu għal 7,1 % u 48,8 % rispettivament fi tmiem l-2021. Skont il-previżjoni tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni, ir-Rumanija hija mistennija jkollha defiċit u dejn tal-gvern estiż ta' 7,5

¹ ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1.

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1355 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Rumanija biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19, ĠU L 314, 29.9.2020, p.55.

% u 50,9 % tal-PDG, rispettivamente, sa tmiem l-2022. Il-PDG tar-Rumanija huwa mbassar li se jiżdied bi 2,6 % fl-2022.

- (5) Fis-26 ta' Mejju 2022, ir-Rumanija talbet lill-Unjoni testendi l-lista tal-miżuri li diġà nġhatat assistenza finanzjarja għalihom permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1355 bil-ħsieb li tkompli tikkomplementa l-isforzi nazzjonali tagħha li wettqet fl-2020 biex tindirizza l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u tirreaġixxi għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi tat-tifqigħa għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom. B'mod partikolari, ir-Rumanija introduċiet u kompliet testendi sensiela ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili ppreżentati fil-premessi minn (6) sa (12).
- (6) L-“Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 30/2020”³, kif imsemmi fl-Artikolu 3(a) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1355, tipprovdi benefiċċju lill-impjegati ta' impjegaturi li jnaqqsu jew jinterrompu l-attività tagħhom temporanjament minħabba l-effetti tat-tifqigħa tal-COVID-19. Il-benefiċċju huwa limitat għal 75 % tas-salarju bażiku ta' dawk l-impjegati (iżda mhux aktar minn 75 % tas-salarju gross medju fl-ekonomija) għad-durata tal-istat ta' emerġenza. Il-miżura ġiet estiża permezz tal-“Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 111/2021”⁴ u permezz tal-“Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 2/2022”⁵ sa Marzu 2022.
- (7) L-“Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 132/2020”⁶, kif imsemmi fl-Artikolu 3(c) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1355, introduċiet skema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, li taħthom, fil-każ ta' tnaqqis temporanju ta' attività kkawżat mill-istat ta' emerġenza jew allert, l-impjegatur ikollu l-possibbiltà li jnaqqas is-siġhat tax-xogħol tal-impjegati sa massimu ta' 50 %. Matul il-perjodu ta' tnaqqis fil-ħinijiet tax-xogħol, l-impjegati affettwati jibbenefikaw minn indennizz ta' 75 % tad-differenza bejn is-salarju gross għall-ħin tax-xogħol normali u s-salarju attwali tagħhom. Il-miżura ġiet emendata u estiża permezz tal-“Liġi 58/2021”⁷ sa Ġunju 2022, tliet xhur wara tmiem l-istat ta' emerġenza.
- (8) L-“Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 30/2020”⁸, l-Artikolu 15, u l-“Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 132/2020”⁹, l-Artikolu 3, kif imsemmi fl-Artikolu 3(d) u (e) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1355, introduċew żewġ miżuri għal dawk li jaħdmu għal rashom u għall-professjonijiet liberi. Għal dawk li waqfu jaħdmu kompletament minħabba l-effetti tat-tifqigħa tal-COVID-19, l-Istat jipprovdi benefiċċju ta' 75 % tas-salarju gross medju għad-durata tal-istat ta' emerġenza. Għal dawk li jnaqqsu s-siġhat tax-xogħol tagħhom, l-Istat jipprovdi benefiċċju sa massimu ta' 41,5 % tas-salarju gross medju sa Ġunju 2022, tliet xhur wara tmiem l-istat ta' emerġenza. L-ewwel miżura, kif imsemmi fl-Artikolu 3(d) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1355, ġiet estiża bl-“Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 111/2021”¹⁰ u l-“Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 2/2022”. It-tieni miżura, kif

³ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 231 tal-21 ta' Marzu 2020.

⁴ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 945 tal-4 ta' Ottubru 2021.

⁵ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 61 tal-20 ta' Jannar 2022.

⁶ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 720 tal-10 ta' Awwissu 2020.

⁷ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 345 tal-5 ta' April 2021.

⁸ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 231 tal-21 ta' Marzu 2020.

⁹ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 720 tal-10 ta' Awwissu 2020.

¹⁰ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 945 tal-4 ta' Ottubru 2021.

imsemmi fl-Artikolu 3(e) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1355, ġiet estiża bil-“Liġi 58/2021”¹¹.

- (9) L-“Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 132/2020”¹², approvata permezz tal-“Liġi 282/2020”¹³, u l-emendi sussegwenti tagħha l-“Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 182/2020”¹⁴, l-“Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 211/2020”¹⁵ li ġiet approvata permezz tal-“Liġi Nru 58/2021”¹⁶, l-“Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 220/2020”¹⁷, l-“Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 226/2020”¹⁸, l-“Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 44/2021”¹⁹, l-“Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 111/2021”²⁰ u l-“Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 2/2022”²¹, kif imsemmi fl-Artikolu 3(f) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1355, introduċew miżura li tipprovdi benefiċċju ta' appoġġ ta' 35 % tar-remunerazzjoni dovuta għal kull jum ta' xogħol, għal perjodu massimu ta' tliet xhur, għal dawk li jaħdmu bil-ġurnata li jieqfu jaħdmu b'riżultat tas-suspensjoni tal-attivitajiet ta' negozju minħabba l-effetti tat-tifqigħa tal-COVID-19. Din il-miżura ġiet estiża sa Ġunju 2022, tliet xhur wara tmien l-istat ta' emerġenza.
- (10) Il-“Liġi 19/2020”²², l-Artikolu 3, kif estiża permezz tal-“Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 147/2020”²³, l-Artikolu 4 alin. (3), u l-“Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 110/2021”²⁴, l-Artikolu 7, kif imsemmi fl-Artikolu 3(h) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1355, ipprovdeu bonus għat-tħaris tat-tfal għall-impjegati tas-sistema nazzjonali tad-difiża, tal-istabbilimenti ta' detenzjoni, tal-unitajiet tas-saħħa pubblika u ta' kategoriji oħra stabbiliti permezz ta' ordnijiet ministerjali. Il-benefiċċju huwa bil-kundizzjoni li l-ġenitur l-ieħor ma jibbenefikax minn drittijiet alternattivi li jagħtu liv lill-ġenituri għas-superviżjoni tat-tfal fil-każ tal-għeluq temporanju tal-unitajiet edukattivi. Dik il-miżura tista' titqies bħala miżura simili għall-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2020/672, billi din tipprovdi appoġġ għall-introjtu lill-impjegati, li se jgħin biex ikopri l-kostijiet tat-tħaris tat-tfal matul l-għeluq tal-iskejjel u għaldaqstant jgħin lill-ġenituri jkomplu jaħdmu, u jipprevjeni li titpoġġa f'riskju r-relazzjoni tax-xogħol. Il-miżura ġiet estiża maż-żmien biex tinkludi s-sena skolastika fl-2021 u fl-2022, u twessgħet ukoll biex jiġu inklużi impjegati tas-settur privat.
- (11) Il-“Liġi 136/2020”²⁵ u l-emendi sussegwenti tagħha kif ukoll l-“Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 70/2020”²⁶, l-Artikolu 13, li huma msemminjin fit-talba tar-Rumanija tas-26 ta' Mejju 2022, taw benefiċċju tal-liv minħabba mard lil persuni fi kwarantina u persuni dijanjostikati bl-infezzjoni tal-COVID-19.

¹¹ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 345 tal-5 ta' April 2021.

¹² Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 720 tal-10 ta' Awwissu 2020.

¹³ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 1201 tad-9 ta' Diċembru 2020.

¹⁴ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 993 tas-27 ta' Ottubru 2020.

¹⁵ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 1189 tas-7 ta' Diċembru 2020.

¹⁶ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 345 tal-5 ta' April 2021.

¹⁷ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 1326 tal-31 ta' Diċembru 2020.

¹⁸ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 1332 tal-31 ta' Diċembru 2020.

¹⁹ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 575 tas-7 ta' Ġunju 2021.

²⁰ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 945 tal-4 ta' Ottubru 2021.

²¹ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 61 tal-20 ta' Jannar 2022.

²² Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 209 tal-14 ta' Marzu 2020.

²³ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 790 tat-28 ta' Awwissu 2020.

²⁴ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 945 tal-4 ta' Ottubru 2021.

²⁵ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 634 tat-18 ta' Lulju 2020; ippubblikata mill-ġdid fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 884 tat-28 ta' Settembru 2020.

²⁶ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 394 tal-14 ta' Mejju 2020.

- (12) L-“Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 132/2020”²⁷, l-Artikolu 6, li hija msemija fit-talba tar-Rumanija tas-26 ta’ Mejju 2022, inkludiet il-miżura għal appoġġ finanzjarju ta’ darba ta’ RON 2 500 lill-impjegati għal kull impjegat li jaħdem mill-bogħod għax-xiri ta’ pakketti ta’ oġġetti u servizzi teknoloġiċi meħtieġa għal attivitajiet ta’ telexogħol. Il-miżura tapplika għall-impjegaturi li l-impjegati tagħhom ikunu haqmu bit-telexogħol matul l-istat ta’ emerġenza għal mill-inqas 15-il jum ta’ xogħol fl-2020. Dik il-miżura tista’ titqies li tkun miżura simili għall-iskemi ta’ xogħol b’ħinijiet iqsar, kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2020/672, minħabba l-għan maħsub u l-effett ekonomiku tagħha. Bil-faċilitazzjoni tat-telexogħol fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, din tgħin biex tiġi preservata r-relazzjoni ta’ impjeg. Tipprovdi wkoll appoġġ għall-introjt lill-impjegati fil-forma ta’ benefiċċju supplimentari, li jgħin biex jiġu koperti l-kostijiet tan-nefqa tal-uffiċċju fid-dar biex tkun permessa l-prestazzjoni tax-xogħol matul il-lockdown u restrizzjonijiet sussegwenti.
- (13) Ir-Rumanija introduċiet u kompliet testendi wkoll sensiela ta’ miżuri relatati mas-saħħa biex tindirizza t-tifqigħa tal-COVID-19. B’mod partikolari, dan jikkonċerna l-miżuri stabbiliti fil-premessi minn (14) sa (34).
- (14) L-“Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 11/2020”²⁸, u l-estensjonijiet tagħha permezz tal-“Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 131/2020”²⁹, l-Artikolu 2, u l-“Liġi 136/2020”³⁰, l-Artikolu 6, kif imsemmi fl-Artikolu 3(g) tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/1355, tipprovdi bonus għal xogħol addizzjonali għall-persunal tal-istrutturi speċjalizzati tal-Istitut Nazzjonali tas-Saħħa Pubblika u d-direttorati tas-saħħa pubblika tal-kontej u/jew id-direttorat tas-saħħa pubblika ta’ Bucharest li jaġixxu biex jikkoordinaw u jimplimentaw miżuri għall-prevenzjoni u l-limitazzjoni ta’ eventi relatati mal-emerġenza globali tas-saħħa pubblika tal-COVID-19. Il-miżura tipprovdi benefiċċju ekwivalenti għal 75 % tas-salarju bażiku għal sigħat maħduma apparti s-sigħat normali ta’ xogħol u sa 100 % tas-salarju bażiku għal sigħat maħduma fi tmiem il-ġimgħa, fil-vaganzi legali u f’jiem oħrajn li ma jgħoddux bħala jiem ta’ xogħol. Dik il-miżura tista’ titqies bħala miżura relatata mas-saħħa, kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2020/672. Din il-miżura ġiet estiża fl-2020, fl-2021 u fl-2022 u għadha fis-seħħ sakemm id-WHO jikkwalifika l-COVID-19 bħala pandemija globali.
- (15) Il-“Liġi 56/2020”³¹, l-Artikolu 7, u l-emenda sussegwenti tagħha permezz tal-“Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 116/2021”³², kif imsemmi fl-Artikolu 3(i) tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/1355, tagħti bonus bħala miżura temporanja għal kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment perikolużi sa massimu ta’ 30 % mogħtija għal rikonoxximent tal-merti tal-persunal mediku li pparteċipa fl-azzjonijiet mediċi kontra l-COVID-19. Il-miżura kienet fis-seħħ għall-perjodu minn Marzu 2020 sa Awwissu 2020. Il-miżura twessgħet biex tinkludi l-persunal responsabbli għall-infurzar ta’ miżuri sanitarji taħt il-Ministeru għall-Affarijiet Interni.

²⁷ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 720 tal-10 ta’ Awwissu 2020.

²⁸ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 102 tal-11 ta’ Frar 2020.

²⁹ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 720 tal-10 ta’ Awwissu 2020.

³⁰ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 634 tat-18 ta’ Lulju 2020; ippubblikata mill-ġdid fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 884 tat-28 ta’ Settembru 2020.

³¹ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 402 tal-15 ta’ Mejju 2020.

³² Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 951 tal-5 ta’ Ottubru 2021.

- (16) L-“Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 131/2020”³³, l-Artikolu 1(1a) u (1b), li hija msemija fit-talba tar-Rumanija tas-26 ta’ Mejju 2022, tippermetti li jingħata bonus bejn 30 % u 40 % tas-salarju bażiku lill-persunal tad-direttorati tas-saħħa pubblika tal-kontej u tad-direttorat tas-saħħa pubblika ta’ Bucharest. Id-direttur eżekuttiv u d-deputati diretturi eżekuttivi għandhom jibbenefikaw minn bonus ta’ 40 % tas-salarju bażiku; l-impjegati taċ-ċivil impjegati mas-servizz ta’ kontroll fis-saħħa pubblika għandhom jibbenefikaw minn bonus ta’ 30 % tas-salarju bażiku.
- (17) Il-“Liġi Nru 136/2020”³⁴, l-Artikolu 19(3), li hija msemija fit-talba tar-Rumanija tas-26 ta’ Mejju 2022, tagħti benefiċċju ta’ sekondar li jammonta għal 50 % u bonus *per diem* ta’ 2 % tas-salarju bażiku għal speċjalisti mediċi, persunal paramediku u awżiljari fis-sistema pubblika. Il-benefiċċju huwa għall-persunal sekondar, f’sitwazzjonijiet ta’ riskju epidemjoloġiku jew bijoloġiku għal terminu ta’ 30 jum, lill-unitajiet tas-saħħa bi tnaqqis ta’ persunal u li huma responsabbli għal-limitar u l-prevenzjoni tal-firxa tal-COVID-19.
- (18) Id-“Deċiżjoni tal-Gvern 254/2020”³⁵, l-Artikolu uniku, id-“Deċiżjoni tal-Gvern 840/2020”³⁶, l-Artikolu uniku, id-“Deċiżjoni tal-Gvern 383/2021”³⁷, l-Artikolu uniku, id-“Deċiżjoni tal-Gvern 1072/2021”³⁸ u d-“Deċiżjoni tal-Gvern 496/2022”³⁹, li huma msemija fit-talba tar-Rumanija tas-26 ta’ Mejju 2022, ippermettew il-finanzjament temporanju tal-kostijiet tas-salarji relatati mal-ftuħ ta’ 2 000 pożizzjoni għdida biex jissaħħu d-direttorati tas-saħħa u s-servizzi pubbliċi tal-ambulanzi (1 000 f’kull wieħed) bħala reazzjoni għall-firxa tal-COVID-19.
- (19) Id-“Deċiżjoni tal-Gvern 1035/2020”⁴⁰, l-Artikolu uniku, il-punt 3, li hija msemija fit-talba tar-Rumanija tas-26 ta’ Mejju 2022, tagħti bonus bejn 75 % u 85 % tas-salarju bażiku għall-persunal mediku speċjalizzat u persunal mediku awżiljari mill-unitajiet tas-saħħa pubblika jew l-istrutturi tagħhom, kif applikabbli, u għall-persunal speċjalizzat mill-istrutturi mediċi parakliniċi direttament involuti fit-trasport, fit-tagħmir, fil-valutazzjoni, fid-dijanjożtika u fit-trattament tal-pazjenti dijanjożtikati bil-COVID-19.
- (20) L-“Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 1031/2020”⁴¹ u l-“Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 3/2021”⁴², li huma msemija fit-talba tar-Rumanija tas-26 ta’ Mejju 2022, ippermettew pagament lill-persunal mediku sanitarju u tar-reġistraturi li jwettqu l-attività tagħhom fiċ-ċentri tal-vaċċinazzjoni organizzati f’postijiet oħrajn għajr daww fl-unitajiet tas-saħħa. Il-miżura ffinanzjata ukoll nefqiet kurrenti u kapitali biex iċ-ċentri tal-vaċċinazzjoni (organizzati f’postijiet għajr faċilitajiet tas-saħħa) isiru operazzjonali.
- (21) L-“Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 3/2021”⁴³ u d-“Deċiżjoni tal-Gvern 1031/2020”⁴⁴, li huma msemija fit-talba tar-Rumanija tas-26 ta’ Mejju 2022,

³³ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 720 tal-10 ta’ Awwissu 2020.

³⁴ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 634 tat-18 ta’ Lulju 2020; ippubblikata mill-għdid fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 884 tat-28 ta’ Settembru 2020.

³⁵ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 272 tal-1 ta’ April 2020.

³⁶ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 924 tad-9 ta’ Ottubru 2020.

³⁷ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 335 tal-1 ta’ April 2021.

³⁸ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 951 tal-5 ta’ Ottubru 2021.

³⁹ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 357 tal-11 ta’ April 2022.

⁴⁰ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 1179 tal-4 ta’ Diċembru 2020.

⁴¹ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 1171 tat-3 ta’ Diċembru 2020.

⁴² Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 50 tal-15 ta’ Jannar 2021.

⁴³ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 50 tal-15 ta’ Jannar 2021.

⁴⁴ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 1171 tat-3 ta’ Diċembru 2020.

ippermettew pagament lill-persunal mediku sanitarju u tar-reġistraturi mediċi li jwettqu l-attività tagħhom fiċ-ċentri tal-vaċċinazzjoni kontra l-COVID-19 organizzati f'unitajiet tas-saħħa, kif ukoll il-pagament tat-tobba tal-familja għall-attivitajiet ipprovduti għal dawn l-għanijiet.

- (22) Id-“Deċiżjoni tal-Gvern 1031/2020”⁴⁵, li tissemma’ fit-talba tar-Rumanija tas-26ta’ Mejju 2022, irregolat ix-xiri tad-dożi tal-vaċċini kontra l-COVID-19. Il-Kummissjoni Ewropea kkonkludiet il-ftehimiet qafas f’isem l-Istati Membri tal-UE u għalihom.
- (23) Id-“Deċiżjoni tal-Gvern 201/2020”⁴⁶, id-“Deċiżjoni tal-Gvern 1103/2020”⁴⁷ u l-“Ordni tal-Ministeru għas-Saħħa 725/2020”⁴⁸, li huma msemija fit-talba tar-Rumanija tas-26 ta’ Mejju 2022, irregolaw l-ispejjeż għall-kwarantina ta’ nies f’żoni ddeżinjati b’dijanjosji kkonfermata ta’ COVID-19, jew nies fil-lista stabbilita mill-Metodoloġija tas-Sorveljanza għall-COVID-19 u l-persunal mediku bħala dijanjostikati bil-COVID-19 li ma jeħtiġux li jittieħdu l-isptar jew persunal li interaġixxa mal-pazjenti u li għażel li joqgħod ’il bogħod minn daru. Il-miżura tkopri benefiċċji ġenerali (għal affarijiet bħal ikel, akkomodazzjoni, trasport u mediċina).
- (24) Id-“Deċiżjoni tal-Gvern 1092/2020”⁴⁹, id-“Deċiżjoni tal-Gvern 380/2021”⁵⁰, id-“Deċiżjoni tal-Gvern 1017/2021”⁵¹ u d-“Deċiżjoni tal-Gvern 1190/2021”⁵² ippermettew ix-xiri tal-medikament “Remdesivir” u mediċina tal-antikorpi monoklonali għat-trattament tal-COVID-19 li fiha l-Casirivimab u l-Imdevimab. Il-proċeduri ta’ akkwist għaż-żewġ medikamenti twettqu mill-Kummissjoni Ewropea f’isem l-Istati Membri fil-kuntratti qafas⁵³ li huma msemija fit-talba tar-Rumanija tas-26 ta’ Mejju 2022.
- (25) L-“Ordni tal-Ministeru għas-Saħħa 487/2020”⁵⁴, li hija msemija fit-talba tar-Rumanija tas-26 ta’ Mejju 2022, ippermettiet ix-xiri ta’ medikamenti għat-trattament ta’ pazjenti infettati bil-COVID-19. Il-Ministeru għas-Saħħa kkonkluda kuntratt qafas għall-akkwist ta’ “Tocilizumabum”.
- (26) L-“Ordinanza tal-Gvern 19/2021”⁵⁵ u l-“Liġi 55/2020”⁵⁶, li huma msemija fit-talba tar-Rumanija tas-26 ta’ Mejju 2022, indikaw il-provvediment ta’ inċentivi, fil-forma ta’ vawċers għall-ikel fl-ammont ta’ RON 100, lil persuni vaċċinati bl-iskema kompleta.
- (27) L-“Ordinanza ta’” Emerġenza tal-Gvern 131/2020”⁵⁷, l-Artikolu 5, li hija msemija fit-talba tar-Rumanija tas-26 ta’ Mejju 2022, ippermettiet żieda temporanja ta’ 30 % tas-salarju bażiku għall-persunal tal-istituzzjonijiet tal-prefett involuti fil-prevenzjoni u

⁴⁵ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 1171 tat-3 ta’ Diċembru 2020.

⁴⁶ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 224 tad-19 ta’ Marzu 2020.

⁴⁷ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 1259 tat-18 ta’ Diċembru 2020.

⁴⁸ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 350 tat-30 ta’ April 2020.

⁴⁹ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 1251 tas-17 ta’ Diċembru 2020.

⁵⁰ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 328 tal-31 ta’ Marzu 2021.

⁵¹ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 935 tat-30 ta’ Settembru 2021.

⁵² Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 1081 tal-11 ta’ Novembru 2021.

⁵³ Il-Ftehim qafas – SANTE/2020/C3/048 għal “Remdivisir” u l-Ftehim qafas – SANTE/2020/C3/091 għall-mediċina tal-antikorpi monoklonali.

⁵⁴ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 242 tal-24 ta’ Marzu 2020.

⁵⁵ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 834 tal-31 ta’ Awwissu 2021.

⁵⁶ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 396 tal-15 ta’ Mejju 2020.

⁵⁷ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 720 tal-10 ta’ Awwissu 2020.

fil-ġlieda kontra l-effett tal-COVID-19 għall-perjodu minn Awwissu 2020 sa Frar 2021.

- (28) L-“Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 186/2020”⁵⁸, li hija msemija fit-talba tar-Rumanija tas-26 ta’ Mejju 2022, kopriet in-nefqu ta’ 200 tabib residenti addizzjonali meħtieġa b’ reazzjoni għall-pandemija.
- (29) L-“Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 11/2020”⁵⁹, li hija msemija fit-talba tar-Rumanija tas-26 ta’ Mejju 2022, ippermettiet ix-xiri ta’ prodotti mediċi u taġmir protettiv personali għall-ġlieda kontra l-pandemija (eż. xedd is-saqajn protettiv, ingwanti, maskri, ventilaturi, streċers, eċċ.) biex jiġi stabbiliti u kkonsolidati stokkijiet mediċi ta’ emerġenza.
- (30) Il-“Liġi 319/2006”⁶⁰, il-“Liġi 55/2020”⁶¹ u l-“Ordni Konġunta tal-Ministeru għax-Xogħol u l-Ministeru għas-Saħħa 3577/831/2020”⁶², li huma msemija fit-talba tar-Rumanija tas-26 ta’ Mejju 2022, irregolaw ix-xiri ta’ materjali ta’ protezzjoni sanitarja għall-impjegati tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni.
- (31) L-“Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 197/2020”⁶³, li hija msemija fit-talba tar-Rumanija tas-26 ta’ Mejju 2022, ippermettiet pagamenti għall-istudenti tal-mediċina volontarji li ħadmu għal-isptarijiet/istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa biex jagħtu appoġġ ta’ emerġenza.
- (32) L-“Ordni tal-Ministeru għas-Saħħa 487/2020”⁶⁴, li hija msemija fit-talba tar-Rumanija tas-26 ta’ Mejju 2022, ippermettiet ix-xiri ta’ żewġ prodotti farmaċewtiċi (“Molnupiravir” u “Anakinra”) li jintużaw għat-trattament ta’ pazjenti bil-COVID-19.
- (33) Il-“Liġi 95/2006”⁶⁵, l-Artikolu 51, id-“Deċiżjoni tal-Gvern 155/2017”⁶⁶ u l-“Ordni tal-Ministeru għas-Saħħa 377/2017”⁶⁷ li huma msemija fit-talba tar-Rumanija tas-26 ta’ Mejju 2022, irregolaw il-finanzjament tal-ittestjar għall-COVID-19 fil-livell tal-unitajiet speċjalizzati. Is-servizzi tal-ittestjar RT-PCR fil-laboratorju ffinanzjati taħt il-Programm Nazzjonali għas-Sorveljanza u l-Kontroll tal-Mard Komunikabbli ta’ Priorità jitwettqu fuq kategoriji ta’ individwi stabbiliti mill-Metodoloġija ta’ Sorveljanza għas-Sindromu Respiratorju Akut tal-COVID-19 jew b’ ordni tal-Ministru għas-Saħħa.
- (34) L-“Ordni tal-Ministeru għas-Saħħa 58/4/2022”⁶⁸, li hija msemija fit-talba tar-Rumanija tas-26 ta’ Mejju 2022, ippermettiet il-finanzjament tal-ittestjar mit-tobba tal-familja għad-detezzjoni ta’ infezzjoni bil-COVID-19. Ix-xogħol ta’ ttestjar li jwettqu t-tobba tal-familja huwa ffinanzjat minn trasferimenti mill-baġit tal-Istat, permezz tal-baġit tal-Ministeru għas-Saħħa għall-baġit tal-Fond tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa nazzjonali.

⁵⁸ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 1005 tad-29 ta’ Ottubru 2020.

⁵⁹ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 102 tal-11 ta’ Frar 2020.

⁶⁰ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 646 tas-26 ta’ Lulju 2006.

⁶¹ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 396 tal-15 ta’ Mejju 2020.

⁶² Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 403 tal-16 ta’ Mejju 2020.

⁶³ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 1108 tad-19 ta’ Novembru 2020.

⁶⁴ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 242 tal-24 ta’ Marzu 2020.

⁶⁵ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 372 tat-28 ta’ April 2006; ippubblikata mill-ġdid fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 652 tat-28 ta’ Awwissu 2015.

⁶⁶ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 222 tal-31 ta’ Marzu 2017.

⁶⁷ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 223 tal-31 ta’ Marzu 2017.

⁶⁸ Ippubblikata fl-Osservatur Uffiċjali tar-Rumanija Nru 33 tal-11 ta’ Jannar 2022.

- (35) Ir-Rumanija tissodisfa l-kundizzjonijiet għat-talba ta' assistenza finanzjarja stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/672. Ir-Rumanija pprovdiet evidenza xierqa lill-Kummissjoni li n-nefqa pubblika effettiva u ppjanata żdiedet bi EUR 3 321 482 911 mill-1 ta' Frar 2020 minħabba l-miżuri nazzjonali li ttieħdu biex jiġu indirizzati l-effetti soċjoekonomiċi tat-tifqigħa tal-COVID-19. Dan jikkostitwixxi żieda għal għarrieda u qawwija minħabba li hija relatata wkoll kemm ma' miżuri ġodda kif ukoll ma' estensjoni ta' miżuri eżistenti relatati direttament mal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili li jkopru proporzjon sinifikanti tal-impriżi u tal-forza tax-xogħol fir-Rumanija. Ir-Rumanija beħsiebha tiffinanzja EUR 353 704 624 taż-żieda fl-ammont tan-nefqa permezz tal-fondi tal-Unjoni.
- (36) Il-Kummissjoni kkonsultat lir-Rumanija u vverifikat iż-żieda għal għarrieda u qawwija fin-nefqa pubblika effettiva u ppjanata relatata direttament mal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili, kif ukoll ir-rikors għal miżuri rilevanti relatati mas-saħħa marbutin mat-tifqigħa tal-COVID-19, kif imsemmi fit-talba tas-26 ta' Mejju 2022, f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2020/672.
- (37) Il-miżuri relatati mas-saħħa mitluba mir-Rumanija, inklużi l-miżuri addizzjonali jew estenzi relatati mas-saħħa msemmin fil-premessi minn (14) sa (34), jammontaw għal EUR 2 141 579 582. Minħabba l-ħtieġa li tiġi żgurata n-natura anċillari ta' din il-kategorija ta' miżuri, l-ammont tal-assistenza finanzjarja b'appoġġ għall-miżuri relatati mas-saħħa jrid jitnaqqas billi jenħtieġ li dan jirrappreżenta inqas minn nofs l-assistenza finanzjarja totali ppjanata li għandha tintefaqq fuq il-miżuri kollha eliġibbli.
- (38) Għaldaqstant jenħtieġ li l-assistenza finanzjarja diġà mogħtija bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1355 tkopri wkoll il-miżuri l-ġodda msemmin fil-premessi (11), (12) u minn (16) sa (34).
- (39) L-assistenza finanzjarja mogħtija bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1355 titnaqqas minn EUR 4 099 244 587 għal EUR 3 000 000 000. Ir-Rumanija għadha impenjata li tassorbi kompletament l-assistenza finanzjarja mogħtija u jenħtieġ li tidentifika aktar miżuri eliġibbli f'każ li l-miżuri eżistenti f'din il-proposta ma jkunux suffiċjenti.
- (40) Jenħtieġ li r-Rumanija u l-Kummissjoni jqisu din id-Deċiżjoni fil-ftehim dwar is-self imsemmi fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2020/672.
- (41) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura relatata ma' distorsjonijiet tal-operat tas-suq intern li tista' titwettaq, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat.
- (42) Jenħtieġ li r-Rumanija tinforma lill-Kummissjoni fuq bażi regolari bl-implimentazzjoni tan-nefqa pubblika ppjanata, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-punt sa fejn ir-Rumanija tkun implimentat dik in-nefqa.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1355 hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tagħmel disponibbli self lir-Rumanija li jammonta għal massimu ta' EUR 3 000 000 000. Is-self għandu jkollu maturità medja massima ta' 15-il sena.”;

(2) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 3

Ir-Rumanija tista' tiffinanzja l-miżuri li ġejjin:

- (a) il-benefiċċju tal-qgħad tekniku għall-impjegati ta' impjegaturi li jnaqqsu jew li jinterrompu temporanjament l-attività tagħhom, kif previst fl-‘Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 30/2020’, l-Artikolu XI, kif estiż bl-‘Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 111/2021’, imbagħad estiż bl-‘Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 2/2022’;
- (b) il-benefiċċju applikat għal persuni li l-kuntratt ta' impjieg tagħhom ġie sospiż, kif previst fl-‘Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 92/2020’, l-Artikolu I;
- (c) l-iskema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, kif previst fl-‘Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 132/2020’, l-Artikolu 1, kif emendat u estiż bil-‘Liġi 58/2021’;
- (d) il-benefiċċju simili għal dak imsemmi fil-punt (a) għal kategoriji għajr impjegati, inklużi dawk li jaħdmu għal rashom u l-professjonijiet liberi, kif previst fl-‘Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 30/2020’, l-Artikolu XV, kif estiż bl-‘Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 111/2021’, imbagħad estiż bl- ‘Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 2/2022’;
- (e) il-benefiċċju pprovdut bil-‘Liġi Nru 6/2020 dwar il-baġit għall-Assigurazzjoni Soċjali tal-Istat għall-2020’ għal kategoriji għajr l-impjegati, inklużi dawk li jaħdmu għal rashom u l-professjonijiet liberi, kif previst fl-‘Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 132/2020’, l-Artikolu 3, kif emendat u estiż bil-‘Liġi 58/2021’;
- (f) il-benefiċċju ta' appoġġ għal dawk li jaħdmu bil-ġurnata kif previst fl-‘Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 132/2020’, l-Artikolu 4, approvat permezz tal-‘Liġi 282/2020’, u l-emendi sussegwenti tagħha l-‘Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 182/2020’, l-‘Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 211/2020’ (approvata permezz tal-‘Liġi Nru 58/2021’), l-‘Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 220/2020’, l-‘Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 226/2020’, l-‘Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 44/2021’, l-‘Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 111/2021’, u l-‘Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 2/2022’, u rispettivament għall-‘Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 132/2020’ permezz tal-‘Liġi 58/2021’;
- (g) il-bonus fir-rigward tax-xogħol addizzjonali għall-persunal tal-istrutturi speċjalizzati tal-Istitut Nazzjonali tas-Saħħa Pubblika u d-direttorati tas-saħħa pubblika tal-kontej u/jew id-direttorat tas-saħħa ta' Bucharest, kif previst fl-‘Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 11/2020’, l-Artikolu 8(6), kif estiż bl-‘Ordinanza ta’ Emerġenza tal-Gvern 131/2020’, l-Artikolu 2 u l-‘Liġi 136/2020’, l-Artikolu 6;
- (h) il-bonus għat-tħaris tat-tfal mogħti lill-impjegati tas-sistema nazzjonali tad-difiża, tal-istabbilimenti ta' detenzjoni, tal-unitajiet tas-saħħa pubblika u ta' kategoriji oħra

stabbiliti permezz ta' ordnijiet ministerjali, kif previst fl-*'Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 30/2020'*, l-Artikolu I(6); kif estiż bl-*'Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 147/2020'*, l-Artikolu 4(3) u l-*'Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 110/2021'*, l-Artikolu 7;

- (i) il-bonus fir-rigward ta' kundizzjonijiet partikolarment perikolużi mogħtija b'riconoxximent tal-merti tal-persunal mediku, kif previst fil-*'Liġi Nru 56/2020'*, l-Artikolu 7, kif estiż bl-*'Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 116/2021'*;
- (j) il-benefiċċju tal-liv minħabba mard mogħti lil persuni fi kwarantina u persuni dijanjostikati b'infezzjoni bil-COVID-19, kif previst fil-*'Liġi 136/2020'*, u emendat bl-*'Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 70/2020'*, l-Artikolu 13;
- (k) l-appoġġ finanzjarju ta' darba mogħti lill-impjegaturi għall-impjegati sabiex iwettqu attivitajiet ta' telexogħol, kif previst fl-*'Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 132/2020'*, l-Artikolu 6;
- (l) il-bonus ta' 30 % u 40 % tas-salarju bażiku mogħti lill-persunal tad-direttorati tas-saħħa pubblika tal-kontej u tad-direttorat tas-saħħa pubblika ta' Bucharest, kif previst fl-*'Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 131/2020'*, l-Artikolu 1(1);
- (m) l-għoti ta' benefiċċju ta' sekondar li jammonta għal 50 % u bonus *per diem* ta' 2 % tas-salarju bażiku għal speċjalisti mediċi, persunal paramediku u awżiljari fis-sistema pubblika, kif previst fl-*'Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 136/2020'*, l-Artikolu 19(3);
- (n) il-finanzjament temporanju tal-kostijiet tas-salarji relatati mal-ftuħ ta' 2 000 pożizzjoni biex jissaħħu d-direttorati tas-saħħa u s-servizzi pubbliċi tal-ambulanzi (1 000 f'kull wieħed), bħala reazzjoni għall-firxa tal-COVID-19, kif previst fl-*'Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 254/2020'*, l-Artikolu uniku, l-*'Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 840/2020'*, l-Artikolu uniku, l-*'Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 383/2021'*, l-Artikolu uniku, id-*'Deċiżjoni tal-Gvern 1072/2021'* u d-*'Deċiżjoni tal-Gvern 496/2022'*;
- (o) l-għoti ta' bonus ta' bejn 75 % u 85 % tas-salarju bażiku għall-persunal mediku speċjalizzat u persunal mediku awżiljari mill-unitajiet tas-saħħa pubblika jew l-istrutturi tagħhom u għall-persunal speċjalizzat mill-istrutturi mediċi parakliniċi direttament involuti fit-trasport, fit-tagħmir, fil-valutazzjoni, fid-dijanjostika u fit-trattament tal-pazjenti dijanjostikati bil-COVID-19, kif previst fl-*'Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 1035/2020'*, l-Artikolu uniku, il-punt 3;
- (p) il-pagament tal-persunal mediku sanitarju u tar-reġistraturi li jwettqu l-attività tagħhom fiċ-ċentri tal-vaċċinazzjoni organizzati f'postijiet oħrajn għajr dawk fl-unitajiet sanitarji, kif previst fl-*'Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 1031/2020'* u l-*'Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 3/2021'*;
- (q) il-pagament tal-persunal mediku sanitarju u tar-reġistraturi mediċi li jwettqu l-attività tagħhom fiċ-ċentri tal-vaċċinazzjoni kontra l-COVID-19 organizzati fl-unitajiet tas-saħħa, kif ukoll il-pagament tat-tobba tal-familja għall-attivitajiet previsti għal dawn l-għanijiet, kif previst fl-*'Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 3/2021'* u d-*'Deċiżjoni tal-Gvern 1031/2020'*;
- (r) ix-xiri ta' dożi tal-vaċċin kontra l-COVID-19, kif previst fid-*'Deċiżjoni tal-Gvern 1031/2020'*;
- (s) l-ispejjeż għall-kwarantina ta' nies b'dijanjosu kkonfermata ta' COVID-19, nies stabbiliti mill-Metodoloġija tas-Sorveljanza għall-COVID-19 u l-persunal mediku

bħala dijanjostikati bil-COVID-19 li ma jeħtiġux li jittieħdu l-isptar jew persunal li interaġixxa mal-pazjenti u li għażel li joqgħod 'il bogħod minn daru, kif previst fid-
'Deċiżjoni tal-Gvern 201/2020', id-'Deċiżjoni tal-Gvern 1103/2020' u l-'Ordni Ministerjali 725/2020';

- (t) ix-xiri ta' medikamenti (Remdesivir), kif previst fid-'Deċiżjoni tal-Gvern 1092/2020', id-'Deċiżjoni tal-Gvern 380/2021', id-'Deċiżjoni tal-Gvern 1017/2021' u d-'Deċiżjoni tal-Gvern 1190/2021'.
- (u) ix-xiri ta' medikamenti (Tocilizumabum), kif previst fl-'Ordni tal-Ministeru għas-Saħħa 487/2020';
- (v) ix-xiri ta' mediċina tal-antikorpi monoklonali għat-trattament tal-COVID-19 li fiha l-Casirivimab u l-Indevimab, kif previst fid-'Deċiżjoni tal-Gvern 1092/2020', id-'Deċiżjoni tal-Gvern 380/2021', id-'Deċiżjoni tal-Gvern 1017/2021' u d-'Deċiżjoni tal-Gvern 1190/2021'.
- (w) il-vawċers għall-ikel għall-persuni li huma vaċċinati bl-iskema ta' vaċċinazzjoni kompleta fl-ammont ta' RON 100, kif previst fl-'Ordinanza tal-Gvern 19/2021', li temenda l-'Liġi 55/2020';
- (x) iż-żieda ta' 30 % fis-salarju bażiku għall-persunal tal-istituzzjonijiet tal-prefett involuti fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-effetti tal-COVID-19, kif previst fl-'Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 131/2020', l-Artikolu 5;
- (y) in-nefġiet biex jiġu koperti 200 tabib residenti addizzjonali meħtieġa b'reazzjoni għall-pandemija, kif previst fl-'Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 186/2020';
- (z) ix-xiri ta' prodotti mediċi u tagħmir protettiv personali għall-ġlieda kontra l-pandemija (eż. xedd is-saqajn protettiv, ingwanti, maskri, ventilaturi, streċers, eċċ.), kif previst fl-'Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 11/2020';
- (aa) ix-xiri ta' materjali ta' protezzjoni sanitarja għall-persunal, kif previst fil-'Liġi 319/2006', il-'Liġi 55/2020', u l-'Ordni Konġunta tal-Ministeru għax-Xogħol u l-Ministeru għas-Saħħa 3577/831/2020';
- (bb) il-pagamenti għall-istudenti tal-mediċina volontarji li ħadmu għall-isptarijiet/istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa biex jipprovdu appoġġ ta' emerġenza, kif previst fl-'Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern 197/2020';
- (cc) ix-xiri ta' medikamenti għat-trattament tal-infezzjonijiet bil-COVID-19 (ANAKINRA), kif previst fl-'Ordni tal-Ministeru għas-Saħħa 487/2020';
- (dd) ix-xiri ta' medikamenti għat-trattament ta' infezzjonijiet bil-COVID-19 (MOLNUPIRAVIR), kif previst fl-'Ordni tal-Ministeru għas-Saħħa 487/2020';
- (ee) il-finanzjament tal-ittestjar għall-COVID-19 fil-livell tal-unitajiet speċjalizzati, kif previst fil-'Liġi 95/2006', l-Artikolu 51, id-'Deċiżjoni tal-Gvern 155/2017' u l-'Ordni tal-Ministeru għas-Saħħa 377/2017';
- (ff) il-finanzjament tal-ittestjar għall-COVID-19 mit-tobba tal-familja, kif previst fl-'Ordni tal-Ministeru għas-Saħħa 58/4/2022';

- (3) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 4

1. Ir-Rumanija għandha tinforma lill-Kummissjoni sat-30 ta' Marzu 2021, u kull sitt xhur minn hemm 'il quddiem bl-implimentazzjoni tan-nefqa pubblika ppjanata sakemm dik in-nefqa pubblika ppjanata tkun ġiet implimentata b'mod sħiħ.
2. Jekk il-miżuri msemmin fl-Artikolu 3 jkunu bbażati fuq nefqa pubblika ppjanata u jkunu ġew soġġetti għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1355, ir-Rumanija għandha tinforma lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data tal-adozzjoni ta' dik id-Deċiżjoni, u kull sitt xhur minn hemm 'il quddiem bl-implimentazzjoni tan-nefqa pubblika ppjanata sakemm dik in-nefqa pubblika ppjanata tkun ġiet implimentata bis-sħiħ.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*